MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 310/2004/1

**Rita Sant**

**v.**

**Jesmond Sant**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fil-15 ta' Settembru, 2004, li taqra hekk:
"Billi l-kontendenti zzewwgu fit-13 ta' Awwissu 1994, fil-Knisja Parrokkjali tas-Siggiewi (hawn ezebit kopja tac-certifikat taz-zwieg immarkat Dok. A).

“Billi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m’ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, sevizzi, eccessi, u ingurji gravi da parti tal-konvenut.

“Billi minn dan iz-zwieg il-kontendenti kellhom tifla wahda, bl-isem ta’ Mariah Sant, illi twieldet fit-12 ta’ Lulju 1999 (hawn ezebit kopja tac-certifikat tat-twelid tat-tifla minuri mmarkat Dok. B).

“Billi l-attrici giet debitament awtorizzata sabiex tipprezenta din l-istanza permezz ta’ digriet f’dan is-sens moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) fis-16 ta’ Lulju 2004 (Dok. C).

“Jghid l-istess konvenut ghaliex m’ghandhiex din il-Qorti:-

“1. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap. 16) tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

“2. tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.

“3. tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri tal-kontendenti Mariah Sant tigi fdata lill-attrici salv l-access tal-konvenut fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti.

“4. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici martu, ghaliha u ghall-imsemmija tifla minuri, dik ir-retta alimentajra xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skont il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-kunvenut sabiex ihallas lill-attrici, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut.

“5. tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap. 16).

“6. tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha u tillikwida l-pretenzjonijiet parafernali u partikolari tal-attrici kontra l-kommunjoni tal-akkwisti.

“7. tiddikjara xolta l-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess kommunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti l-kommunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit minn din il-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess kommunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-istess konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta’ din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta’ divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

“8. tordna illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata esklussivament mill-attrici.

“9. tawtorizza lill-attrici illi tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

“Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut li in forza taghha eccepixxa illi:
“1. Illi l-konvenut jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali minn mal-attrici u dan a bazi ta’ l-Artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta fuq ragunijiet imputabbli lill-attrici;

"2. Illi l-konvenut ma jaqbilx li ghandu jigi applikat l-Artikolu 48 (c) tal-Kap 16 stante li l-attrici ghandha wkoll responsabbilta' ghas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

"3. Illi l-konvenut jaqbel mat-tieni talba attrici stante li hija diga' qieghda tghix separatament minn mar-ragel taghha u din fid-dar matrimonjali;

"4. Illi a rigward tat-tielet talba attrici, il-konvenut ma jaqbilx ghal kollox ma' din it-talba stante li huwa jixtieq li l-kura u l-kustodja tal-minuri Mariah tkun kongunta bejn il-kontendenti b'hinijiet stabbilit mill-Qorti;

"5. Illi a rigward ir-raba' talba attrici, il-konvenut qieghed prezentament minghajr xoghol u ghalhekk ir-retta alimentari ghandha tirrifletti is-sitwazzjoni finanjarja prezenti tal-istess konvenut tenut kont illi l-konvenut ghamel minn kollox sabiex isalva n-negozju li kellhom il-kontendenti izda minhabba ragunijiet imputabbli lill-attrici, dan ma setax isehh;

"6. Illi l-hames talba attrici ma tistax tigi milqugha u dan in vista ta' dak li ntqal fit-tieni eccezzjoni tal-konvenut;

"7. Illi s-sitt talba attrici ma hijix applikabbli stante li l-attrici ghandha fil-pussess taghha il-beni kollha dotali u parafernali taghha;

"8. Illi a rigward tas-seba' talba attrici, il-konvenut jaqbel li ghandha tigi xolta l-komunjoni tal-akkwisti fejn l-oggetti formanti tal-istess jigu maqsuma ugwalment bejn il-kontendenti, izda pero' m'ghandhiex tigi applikata il-provvediment tal-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

"9. Illi a rigward it-tmien talba il-konvenut ma jsibx oggezzjoni ghal din it-talba dan sakemm il-minuri Mariah tilhaq l-eta' maggjoreni;

"10. Illi a rigward id-disa' talba, m'hemmx kontestazzjoni."

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fis-27 ta' Ottubru, 2011, li in forza taghha dik il-Qorti ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:
"[1] tilqa' l-ewwel talba, fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partjiiet, bi htija unika tal-konvenut;

"[2] tilqa't-tieni talba;

"[3] tilqa' t-tielet talfba, kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustodja';

"[4] tilqa' ir-raba talba limitatament u fis-sens kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';

"[5] tilqa' l-hames talba u tapplika fl-intier tieghu d-dispost tal-artikolu 48 Kap.16 kontra l-konvenut;

"[6] tilqa' is-sitt talba fis-sens kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni 'Kommunjoni ta' l-Akkwisti';

"[7] tilqa' s-seba' talba, u filwaqt li xxolji l-kommunjoni tal-akkwisti, tillikwidaha u tassenjaha kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni 'Kommunjoni ta' l-Akkwisti';

"[8] tichad it-tmien talba;

"[9] tilqa' id-disa' talba;

"L-ispejjez ikunu kollha a kariku tal-konvenut; inoltre tordna li, fi zmien xahar, il-konvenut jhallas spejjez addizzjonali ta' mitejn u tletin ewro [€230], b'applikazzjoni tal-paragrafu 10 Skeda A Kapitlu 12, stante li, bin-nuqqas tieghu li jidher ghal diversi seduti quddiem il-perit legali, ikkaguna dewmin bla bzonn f' dawn il-proceduri."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:
"**L-Azzjoni**

"Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qed titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet peress li l-hajja konjugali bejniethom m' ghadhiex aktar possibbli ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-konvenut fit-termini ta' l-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

"Min-naha tieghu l-konvenut jattribwixxi t-tort lill-attrici, skond l-artikolu 40 fuq citat.

"**Separazzjoni Personali**

"Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-13 t'Awissu 1994, u minn dan iz-zwieg twieldet it-tifla Mariah fit-12 ta' Lulju 1999. F' Mejju 2003 huma sseparaw de facto meta l-konvenut telaq mid-dar konjugali, filwaqt li l-attrici kienet baqghet toqghod fl-istess fond flimkien mat-tifla minuri.

"*Verzjoni Attrici*

"L-attrici tghid li l-inkwiet matrimonjali beda fis-sena 2002 meta l-konvenut beda johrog wahdu tard filghaxija u jirritorna lura d-dar fis-sieghat bikrin ta' filghodu. Kien jinjoraha, u kien insensittiv ghall-bzonnijiet taghha. F'nofs is-sena 2002 ir-relazzjonijiet intimi bejniethom waqfu.

"Sadanittant dahlet tahdem maghhom fis-supermarket certu Caroline Fabri, u l-attrici bdiet tinnota li l-konvenut u din il-mara kellhom certu kunfidenza li kienet tmur oltre mir-rapport ta' mghallem u mpjegata.

"F'Mejju 2003 il-konvenut kien inibixxa lill-attrici, li kienet tahdem fl-istess hanut, milli tersaq 'l hemm.

Inoltre f'Dicembru 2004 l-konvenut kien waqaf jghaddi lil martu l-ammont ta' LM100 fil-gimgha li hi kienet tuzahom ghall-ispejjez tat-tifla u taghha.

"L-attrici ssostni li l-konvenut kien telaq mid-dar konjugali biex ikompli f'relazzjoni extra-matrimonjali mal-imsemmija Caroline Fabri. Din it-tezi, ghalkemm michuda mill-

konvenut, ssib konfort f'numru ta' xhieda mressqa mill-istess attrici.

"*Verzjoni Konvenut*

"Illi l-konvenut jghid li l-inkwiet matrimonjali beda fis-sena 1999, u dan kagun tal-fatt li l-attrici "minn dejjem kellha problemi ta' komportament". Jghid li l-attrici ghandha temperament ikrah, tiehu ghaliha malajr u taqbzilha malajr. Dan il-komportament taghha kien aggrava hafna wara z-zwieg tant li f' Mejju 2003 ma setghax jissaportiha aktar u telaq mid-dar konjugali.

"Il-verzjoni tal-konvenut dwar il-karattru difficli ta' martu ssib konfort fix-xhieda ta' ohtu, li wkoll tghid li l-attrici kienet tbati minn burdati.

"*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

"Il-Qorti, wara ezami rett tal-fatti, u debita riflessjoni, hija propensa li taghti affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-attrici; u hija tal-fehema li, fuq bazi ta' probabbilita' kif jirrikedi d-dritt procedurali civili, hemm provi bizzejjed sabiex iwasslu ghall-konkluzjoni valida li z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser minhabba r-relazzjoni extra-matrimonjali li l-konvenut ittratjena mal-imsemmija Caroline Fabri. Kien, ghalhekk, li hu telaq mid-dar konjugali, u mhux ghax martu kellha karattru difficli.

"Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li l-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli; u s-separazzjoni personali bejn il-partijiet issib gustifikazzjoni, fil-fatt u fid-dritt, fil-komportament tal-konvenut fit-termini tal-artikolu 38; u wkoll fit-termini tal-artikolu 40, fis-sens li l-attenzjoni u kunfidenzi li hu kien jghati lill-imsemmija Caroline Fabri meta din kienet bdiet tahdem maghhom, jikkwalifikaw ghall-offiza gravi fil-konfront ta' martu.

"Dan il-komportament abbusiv tieghu jattira fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 ta' l-isemmi kapitlu.

“**Kura u Kustodja**

“Illi fl-interess suprem tal-minuri, li illum ghandha 12-il sena, il-Qorti tordna li l-kura u kustodja tat-tifla tkun fdata f’ idejn l-attrici, b’access favur il-missier, nhar ta’ Sibt /Hadd b’mod alternat mid-09:00am sat-08:00pm matul is-sena skolastika; u fil-vakanzi tas-sajf l-access jizdied b’gurnata ohra matul il-gimgha mit-08:00am sad-09:00pm, liema gurnata ghandha tkun konkordata bejn il-minuri u l-missier.

“Il-missier ghandu jaghti lill-attrici jew lill-minuri pre-avviz ta’ 24 siegha jekk hu ma jkunx se jezercita l-access.

“Inoltre, tordna li t-tifla tibqa’ tircevi l-kura psikologika mehtiega; kif ukoll li l-konvenut ghandu jevita li jesponi lit-tifla, ghall-prezenza ta’ nisa li ma jkunux membri tal-familja tieghu, kemm-il darba l-minuri tibqa’ topponi ghall-prezenza taghhom. Il-konvenut, fuq xewqa tat-tifla, m’ghandux ipejjep fil-prezenza taghha, kif ukoll ma jsirux mistoqsijiet fuq ommha jew diskors dwar is-separazzjoni tal-genituri.

“**Manteniment**

“Illi fir-rigward, il-Qorti tosserva li il-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala manteniment ghat-tifla minuri s-somma ta’ mija, sitta u tmenin ewro (€186 [ekwivalenti ghal LM80]) kull erba’ gimghat, oltre l-ispejjez kollha edukattivi u ta’ sahha tal-minuri.

“Izda mhux qed jigi komputat ebda manteniment lill-attrici ghaliha, stante li din kapaci tahdem, u fil-fatt tahdem, bi qligh; izda tafferma d-dritt taghha li titlob manteniment minghand il-konvenut bhala l-parti unikament hatja tas-separazzjoni, kemm-il darba l-attrici, volontarjament u ghar-ragunijiet mhux fil-kontroll taghha, tisfa’ bla mezzi adegwati.

“**Kommunjoni ta’ l-Akkwisti**

"Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tikkonvidi l-konsiderazzjonijiet u konkluzzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu, a fols. 514 sa 526, u taddottahom b' mod li ghandhom jifformaw parti mill-gudizzju odjern; kopja tal-istess qed tigi annessa mal-gudizzju odjern [Appendici A].

"Illi l-kommunjoni tikkonsisti fis-segwenti:

"*Attiv*

"[1] il-proprjeta' immobbli ndikata fil-paragrafu D, cioe' id-dar matrimonjali, il-hanut u l-istore.

"[2] il-mobbli ezistenti fl-isemmija fondi;

"[3] il-vetturi ndikati fil-paragrafu C;

"*Passiv*

"[A] Dejn sostanzjali mal-Bank of Valletta indikat fil-paragrafu E;

"[B] Dejn sostanzjali mal-agenti kredituri tas-supermarket, ukoll indikat fil-paragrafu E;

"[C] Krediti parafernali tal-konvenut, ndikati fil-paragrafu B;

"[D Krediti parafernali tal-attrici, indikati fil-paragrafu A, ghajr ghall-inkwilinat ta' ghalqa maghrufa 'Ta Gemmuna, Ta' Xatba, Siggiewi, li hi proprjeta' parafernali ta' l-istess attrici;

"Illi l-assenjazzjoni tal-assi, attiv u passiv, ghandha ssir kif konkluz mill-perit legali; izda l-Qorti tosserva, a skans ta' ekwivoku[1], li l-krediti parafernali tal-partijiet, huma krediti kontra l-kommunjoni tal-akkwisti, u ghalhekk ghandhom jitnaqqsu mill-kommunjoni, kemm-il darba jkun fadal assi sufficjenti fil-kommunjoni; filwaqt li l-inkwilinat tal-

[1] Fin-nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri prezentata mill-attiric fit-22 Lulju 2009, u li ghalilha l-konvenut ma rrispondhiex, l-attrici rrilevat li l-fondi, inkluzi l-mobbli, tal-kommunjoni nbieghu bis-subbasta, u ma hemm xjen x' jinqasam bejn il-partijiet peress li fil-kommunjoni kien hemm hafna aktar passiv milli attiv.

imsemmija ghalqa, ghandu jitqies bhala proprjeta’ parafernali ta’ l-attrici.

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:
“… … … tbiddel, tvarja u tirriforma s-sentenza tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fis-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Ottubru tas-sena elfejn u hdax (2011) fl-ismijiet Rita Sant v. Jesmond Sant [Citazzjoni Numru 310.04 NC] u dan billi tilqa’ l-ewwel aggravju tal-appellant b’dan illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel talba attrici tikkonfermaha limitatament in kwantu laqghet l-istess u ddikjarat is-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda tirrevokaha u thassarha akkollat il-htija ta’ separazzjoni unikament lill-appellant u minflok tiddikjara li s-separazzjoni personali ghandha tigi pronunzjata minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess attrici: tilqa’ t-tieni aggravju u tvarja decizjoni tar-raba’ talba tal-attrici dwar il-manteniment in kwantu tikkonferma li ma ghandux jigi komputat manteniment ghal mara salv li tiddikjara li l-mara ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment, tnaqqas l-ammont ta’ manteniment li l-konvenut gie ordnat ihallas bhala manteniment ghall-minuri u tiddikjara li l-ispejjez kollha tal-edukazzjoni u sahha tal-minuri jkunu a karigu taz-zewg partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom: u tikkonferma s-sentenza fil-bqija.

“Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata.”

Rat ir-risposta tal-appell tal-attrici li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li l-appell tal-konvenut ghandu jigi respint bl-ispejjez u s-sentenza appellata moghtija mill-ewwel Qorti ghandha tigi konfermata bl-ispejjez kontra l-istess konvenut appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

Illi din hi kawza ghal separazzjoni personali bejn il-konjugi Sant li zzewwgu fit-13 ta’ Awwissu, 1994. Minn dan iz-zwieg twieldet tifla fit-12 ta’ Lulju, 1999, li jfisser li llum ghandha 13-il sena. L-ewwel Qorti gabret il-provi bl-assistenza ta’ diversi esperti fil-materja, u wara ezami tal-provi prodotti u tar-rapporti mressqa pprocediet biex tippronunzja s-separazzjoni personali bi htija tal-konvenut (minhabba adulterju), ipprovdiet ghall-kustodja u access ghall-minuri, u tterminat u llikwidat il-komunjoni tal-akkwisti allura ezistenti bejn il-partijiet.

Il-konvenut appella fejn talab ir-riforma tas-sentenza u ressaq zewg aggravji: fl-ewwel lok qed jilmenta mis-sejba mill-ewwel Qorti ta’ adulterju fil-konfront tieghu, u, fit-tieni lok, qed jilmenta mill-ordni tal-manteniment li gie mitlub jghaddi ghal minuri, u cioe`, €186 kull erba’ gimghat, u l-ispejjez <u>kollha</u> edukattivi u ta’ sahha tal-minuri.

Trattat l-ewwel aggravju, din il-Qorti tinnota li l-perit legali mahtur mill-ewwel Qorti biex jipprezenta rapport fuq l-assiem tal-kaz, kien irrelata illi ma kienux jezistu provi “precizi, gravi u univoci” (kif titlob il-gurisprudenza in materja) li jindikaw adulterju. Hu kien tal-opinjoni li l-agir tal-konvenut kien iwassal ghal prova ta’ offizi gravi jew eccessi, izda mhux ghall-estremi ta’ adulterju. L-ewwel Qorti, min-naha l-ohra, qalet li l-fehma taghha, fuq bazi ta’ probabbilita`, hija li l-konvenut kellu relazzjoni extra-matrimonjali u kwindi kien hati ta’ adulterju.

Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi u hasbet fit-tul fuq il-materja, tara li ghandha tikkondividi l-fehma tal-ewwel Qorti. Il-gurisprudenza lokali turi li stante d-diffikulta` tal-prova, mhux mehtieg li ssir prova ta’ sejba ta’ kongungiment korporali in flagrante, izda bizzejjed li wiehed juri dan bi prova ta’ cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinciment tal-fatt. Fil-kawza **Brincat v. Brincat** deciza mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta’ Marzu, 1955, intqal li:
“*ghad li hu veru li ghall-adulterju, anke f’materja civili, hemm bzonn li jkun hemm il-kongungiment korporali, izda l-prova ta’ dan mhux mehtieg li tkun okulari, u tista’ tigi*

*dezunta anke minn kongetturi, purche` gravi, precizi u konkludenti.*"

Fil-kawza **Gatt v. Cutajar noe**, deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Mejju, 2010, gie rrilevat dan in propozitu:

"***8.*** *Issa, l-adulterju minn dejjem gie meqjus bhala "l-kawzali l-aktar gravi li ghalih il-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali" (Vol. XXXVII Pt II p. 693). Huwa difficli li l-adulterju jigi ppruvat b'xhieda okulari. In vista ta' din id-diffikulta`, l-adulterju jista' jigi ppruvat permezz ta' indizji u cirkostanzi ohra li jkunu tali li ma jhallu l-ebda dubju fil-mohh tal-gudikant illi fil-fatt l-adulterju jkun sehh. Huwa ormai pacifiku fid-duttrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun ippruvat permezz ta' indizzji u prezunzjonijiet, li, pero`, ghandhom ikunu gravi, precizi u konkordanti. Cirkostanzi illi semplicement jirriflettu hbiberija mas-sess oppost ma jwaslsux ghall-prova ta' adulterju. Dan ghaliex dawn ic-cirkostanzi ma jikkonvincux lill-gudikant li dik il-hbiberija dahlet daqshekk il-gewwa u saret tant intima li necessarjament wiehed ragonevolment jippresupponi li sehh kongungiment karnali, li huwa l-element necessarju ghall-adulterju.*"

Issa, fuq dan il-punt, l-attrici appellata tghid li ghal habta tas-sena 2002, hi bdiet tissuspetta li zewgha kellu relazzjoni ma' mara ohra. Hija tghid li l-appellant beda johrog wahdu kull nhar ta' Gimgha u kien idum sa hinijiet bikrin ta' filghodu meta kien jghidilha li kien imur jiehu flixkun birra. L-attrici appellata tghid ukoll illi hi kienet kkonfrontat lill-appellant dwar dan il-punt, u cioe` li hu kellu relazzjoni ma' terza persuna. Ghall-ewwel, l-attrici appellata tghid li l-appellant kien jinnega li kellu mara ohra izda mbaghad huwa kien ammetta maghha. Hi ressqet xhieda biex tikkorobora dak minnha allegat. Tnejn minn dawn ix-xhieda u cioe` Maria Natasha Fenech, in-neputija tal-attrici appellata u Prassede Zammit, oht l-attrici appellata, it-tnejn qalu fl-affidavit taghhom li f'okkazzjonijiet differenti huma kienu raw lill-appellant ma' mara ohra. Maria Natasha Fenech fl-affidavit taghha qalet li nhar il-Gimgha 20 ta' Frar 2003 hi kienet marret tiekol f'restaurant fi Qui Si Sana f'Tas-Sliema li kien jismu

"Mamma Mia" u kif kienu nezlin ghall-mejda taghhom li kienet ibbukjata fis-sular ta' isfel hija kienet rat lill-appellant ma' Caroline jieklu fuq mejda. Min-naha taghha Prassede Zammit fl-affidavit taghha qalet li f'Jannar 2004, li kien inzerta l-Hadd, ghall-habta tas-sebgha ta' filghaxija kienet rat lill-appellant ma' tfajla jew mara. Din ix-xhud tghid ukoll li mhux l-ewwel darba li kienet rat lill-appellant ghaddej ma' Caroline. Susan Bonnici xhud ohra prodotta mill-attrici, fl-affidavit taghha tghid li fis-Sajf tas-sena 2001 hi kienet bdiet tahdem fin-negozju gestit mill-appellant. Din ix-xhud tghid li ftit xhur wara (Jannar/Frar) bdiet tahdem fil-hanut Caroline u x-xhud bdiet tinnota li l-komportament tal-appellant fir-rigward tal-attrici appellata beda jinbidel fis-sens illi kien jaghtiha l-genb. Ix-xhud tghid ukoll li l-komportament tal-appellant sar wiehed insapportabbli u kienet taqbizlu malajr.

Ix-xhud Prassede Zammit prodotta mill-attrici appellata qalet li matul is-sajf tal-2004 hi u zewgha kienu jmorru ghand xi familjari taghhom ix-Xemxija u kienu jaraw lill-appellant bil-karozza tieghu u lil Caroline bil-karozza taghha go 'parking area' faccata tar-restaurant 'Wild Thyme'. Tghid ukoll l-istess xhud li gieli rat lill-appellant u lil Caroline hergin mill-istess bieb u gieli rathom fil-gallarija flimkien. In oltre, din ix-xhud tghid li kienet hbieb ma' koppja Ingliza li kienu joqghodu fi blokk flats 'l isfel minn fejn kienu qeghdin joqghodu l-appellant u Caroline.

A bazi ta' dawn ic-cirkostanzi, ma tridx wisq immaginazzjoni biex tikkonkludi li r-relazzjoni li l-konvenut kellu ma' din il-mara l-ohra, kienet tmur lil hinn minn semplici hbiberija.

Hemm ukoll ic-cirkostanza ta' numru ta' telephone "misterjuz" li l-konvenut kien icempel b'mod ta' spiss u regolari, inkluz f'hinijiet mhux normali bhal tard filghaxija u fis-sieghat bikrija ta' filghodu, u kartolini li t-tfal ta' din il-mara kienu baghtu lill-konvenut. Il-konvenut jghid li meta telaq mid-dar matrimonjali fl-2003, ghex ghal madwar tlett xhur fil-vettura tieghu, izda intwera li kien waqt dan iz-zmien li ntlemah f'gallarija ta' appartament mal-mara l-ohra. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti ma tarax li l-ewwel

Qorti wzat id-deskrizzjoni taghha b'mod irragonevoli meta kkonkludiet li kienu jezistu indizji cari u univoci ta' adulterju da parti tal-konvenut.

Fir-rigward tat-tieni aggravju, il-konvenut mhux qed jilmenta mis-somma ta' €186 li l-ewwel Qorti ordnatlu li jhallas kull erba' gimghat bhala manteniment ghal bintu, izda mill-fatt li hu gie ordnat ihallas l-ispejjez kollha marbuta mal-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri. Hu jghid li t-tifla tattendi skola privata, specifikament San Anton School, iz-Zebbiegh, u b'dan il-hlas ikun irid ihallas, bhala manteniment, madwar €700 fis-sena, spiza li ma jistax jaffordja.

Jirrizulta li l-konvenut ghamel zmien jiggestixxi *super market* imdaqqas fil-Mosta taht l-isem ta' "Save n Smile". Kellu *turnover* ta' madwar miljun lira Maltin fis-sena, u l-profitt kien ta' madwar Lm17,000 fis-sena; martu kienet tirtira mill-hanut Lm100 fil-gimgha ghall-bzonnijiet tal-familja. In-negozju, pero`, ma baqax jirrendi, falla u kellu jinghalaq. Il-koppja kellha djun kbar ma' diversi kredituri, fosthom mal-Bank of Valletta plc, bir-rizultat li d-dar matrimonjali taghhom ittiehdet mill-bank kreditur akkont tad-dejn ezistenti. Mill-provi rrizulta li z-zewg partijiet bl-agir taghhom ikkontribwixxew ghall-falliment tal-operat tan-negozju. Il-konvenut, wara din l-avventura, ghamel zmien jahdem bhala xufier mal-Arriva fuq il-buses tal-linja, izda telaq minn hemm ghax ma kienx jircievi l-paga dejjem meta suppost u kien ikollu problemi dwar il-hlas tal-manteniment. Issa qed jahdem bhala *waiter* f'hanut tat-te`, u qed jaqla' l-istess daqs kemm kellu paga mal-Arriva, izda l-hlas isir b'mod aktar regolari. Hu jghid li hu veru li hu ried li bintu tidhol f'San Anton School, u kien determinat li jhallas il-mizati li jkunu dovuti, pero`, issa ma jistax ikompli jerfa' l-piz wahdu, u jrid li martu taghmel sagrificcju u taqsam mieghu.

L-attrici rrinunzjat ghal manteniment ghaliha, pero`, tahdem biss part time ghax tghid li trid tkun id-dar meta t-tifla tasal lura mill-iskola. Peress li l-bank hadilhom id-dar matrimonjali, hi kellha tikri post fejn toqghod u dan izid ovvjament l-ispejjez taghha.

Din il-Qorti tara li meta l-partijiet kellhom introjtu tajjeb, kien jaghmel sens li jippruvaw jaghtu lit-tifla l-ahjar edukazzjoni, li skont huma, setghu jaghtuha. Jista' jkun ukoll li anke meta n-negozju kien beda jbatti, il-konvenut xorta wera x-xewqa li jkompli jhallas ghal edukazzjoni privata ghal bintu. Issa, pero`, it-tnejn jinsabu f'sitwazzjoni ekonomika prekarja, u qed ihabbtu wicchom ma' realta` differenti milli kienet tezisti meta dahhlu lit-tifla f'San Anton School.

Skont psikologa mahtura mill-ewwel Qorti, jirrizulta li jkun detriment ghall-minuri li tinhareg mill-iskola, u din il-Qorti tista' tifhem li l-minuri tista' ssofri trawma jekk tintbaghat issa fi skola tal-Gvern jew fi skola ohra privata. La darba m'huwiex fl-interess tal-minuri li din tbiddel skola (u ma hemm ebda talba biex din il-Qorti tipprovdi ghal dan), fis-sitwazzjoni prezenti, iz-zewg partijiet iridu jerfghu l-piz flimkien, u t-tnejn iridu jaghmlu sagrificcju biex jipprovdu l-edukazzjoni li qed tinghatha lit-tifla fl-iskola indikata. It-tifla hi tat-tnejn u l-obbligu ta' manteniment hu, bil-ligi, mixhut fuq iz-zewg genituri fi grad indaqs. It-tnejn iridu jerfghu parti mir-responsabbilita` li dahlu ghaliha flimkien meta ddecidew li jdahhlu lit-tifla fi skola partikolari, u sakemm ma jaqblux mod iehor, iridu jaghtu sehemhom it-tnejn biex jithallsu l-ispejjez mehtiega ghal dan il-ghan. L-istess ghandu jsegwi f'kaz li t-tifla jkollha bzonn xi kura medika privata, fis-sens li l-arrangamenti relattivi ghandhom isiru bi qbil u a spejjez tat-tnejn flimkien.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tal-konvenut Jesmond Sant, billi tilqa' l-istess biss in parte, u fil-waqt li tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, inkluz dik il-parti fejn allokat il-htija ta' separazzjoni fuq il-konvenut minhabba l-adulterju tieghu, tvarja biss dik il-parti fejn l-ewwel Qorti ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici, bhala manteniment ghall-minuri, is-somma ta' €186 kull erba' gimghat, oltre l-ispejjez kollha edukattivi u ta' sahha tal-minuri, billi tipprovdi li l-manteniment ghall-minuri ghandu jkun ta' €186 kull erba' gimghat, izda l-ispejjez kollha tal-edukazzjoni u sahha tal-minuri jkunu a karigu taz-zewg partijiet fi kwoti ndaqs bejniethom;

L-ispejjez tal-kawza in prim istanza jibqghu kif ordnat l-ewwel Qorti, waqt li dawk marbuta ma' dan l-appell jithallsu kwantu ghal zewg terzi ($^2/_3$) mill-konvenut appellant, u terz ($^1/_3$) mill-attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------